MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 378/2003

**Salvo Grima (Freeport Operations) Limited**
**Vs**
**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Luisa Tufigno nominati b'digriet tat-22 ta' Ottubru, 2003 bhala Kuraturi Deputati sabiex jipprezentaw lis-socjeta` estera Centro Sport 3000**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta` attrici ppremettit illi

Peress illi s-socjeta` attrici dahlet fi ftehim fejn kellha tipprovdi servizzi ta' "freight forwarding" lis-socjeta`

konvenuta u flimkien ma dan is-servizz kellha tahzen "container" mimli zraben;

Peress illi dan il-"container" wasal Malta u gie mahzun mis-socjeta` attrici fil-mahzen li ghandha fil-Freeport ta' Malta;

Peress illi s-socjeta` konvenuta tat struzzjonijiet lis-socjeta` attrici biex tibghat dan il-"container" barra minn Malta;

Peress illi meta s-socjeta` attrici giet biex tezegwixxi dawn l-istruzzjonijiet l-awtoritajiet tal-Freeport oggezzjonaw ghal dan qabel ma jsiru xi rettifikazzjonijiet da parti tas-socjeta` konvenuta;

Peress illi s-socjeta` attrici ippruvat kemm-il darba tikkunttattja lis-socjeta` konvenuta ghall-istruzzjonijiet f'dan ir-rigward u din baqghet ma ghamlet xejn u ghalhekk il-"container" kellu jibqa` Malta fil-mahzen tas-socjeta` attrici;

Peress illi minkejja "invoices" mibghuta lilha u diversi talbiet minghand is-socjeta` attrici biex taderixxi ma' l-ordnijiet ta' l-awtoritajiet tal-Freeport u/jew tnehhi il-"container" mill-mahzen tas-socjeta` attrici, s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Peress illi b'ittra datata 25 ta' Lulju 2001 (hawn annessa bhala Dok "SG1), s-socjeta` attrici interpellat lis-socjeta` konvenuta biex thallas l-ammont lilha dovut (illum ammontanti ghal Lm28,828.80, kif jidher mill-*istatement* hawn anness bhala dokument "SG2") u tnehhi l-affarijiet mizmuma fil-mahzen taghha;

Peress illi s-socjeta` attrici baqghet ma thallsitx dawn l-ammonti u ma nehhietx il-"container" kif mitluba;

Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, ghar-ragunijiet premessi:

1. tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf tmien mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm28,828.80) rapprezentanti l-ammont dovut ghal servizzi rezi ta’ “freight forwarding” u ghall-hazna tal-“container” fil-mahzen tas-socjeta` attrici mill-25 ta’ Lulju 2001 sat-28 ta’ Frar 2003;

2 tordna lis-socjeta` attrici tiehu lura l-“container” fi zmien qasir u perentorju minnha ffissat u fin-nuqqas taghti lis-socjeta` attrici s-setgha li tiddisponi mill-“container” biex tirikkava parti mill-ammont dovut lilha taht dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li hi sa min issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 36 tal-process fejn jeccepixxu:**

Illi huma ma jafu dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar il-quddiem, izda prima facie jidher li t-tieni talba mhix f’lokha billi l-attrici ma mxietx mal-prassi ordinarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavits ezibiti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jitolbu s-somma ta’ Lm28,828.80 rapprezentanti l-ammont dovut ghal servizzi rezi ta’ “freight forwarding” u ghall-hazna tal-“container” fil-mahzen tas-socjeta` attrici mill-25 ta’ Lulju, 2001 sat-28 ta’

Frar, 2003. Gie anness statement Dok JV 61 (ara fol 130 et seq) bl-invoices rispettivi ara ukoll dok a fol 10.

Joseph Vassallo (ara fol 45 et seq) xehed li l-konvenuti kienu jibghatu containers Malta u l-atturi jerghu jibghatuhom fid-destinazzjoni li jindikawlhom il-konvenuti. Gara li kull darba kien ikun hemm diskrepanza bejn il-merkanzija mibghuta u l-ammont ta’ kaxxex li jirrizultaw mid-dokumenti meta dawn jaslu Malta. F’certu stadju dina l-merkanzija giet mizmuma mill-Freeport u inibita milli titlaq Malta sakemm il-konvenuti jispjegaw ghaliex kien qed ikun hemm dina d-diskrepanza f’kull konsennja. L-atturi kienu talbu lill konvenuti jispjegawlhom ir-raguni ghal dina d-diskrepanza izda l-konvenuti baqghu ma tawilhomx u ghalhekk il-container baqa mizmum il-Freeport. Joseph Vassallo xehed li ghalhekk il-Freeport qatt ma kien f’posizzjoni illi jawtorizza r-rilaxx tal-merkanzija u dan peress illi l-konvenuti qatt ma taw raguni plawzibbli ghad diskrepanzi li rrizultaw kontinwament. Ghal din ir-raguni l-merkanzija sal lum ghadha qed tigi mizmua fil-imhazen taghhom (ara fol 51). L-attur issa qed jitlob li jithallsu ta’ l-ispejjez u servizzi li huma rrendew fil-konfront ta’ dana l-container. Skond il-korrispondenza l-konvenuti qed jinsistu li l-merkanzija titlaq minn Malta.

Mill-provi prodotti jirrizulta minhabba nuqqas ta’ spjegazzjoni da parti tal-konvenuti dwar id-diskrepanzi bejn il-merkanzija mibghuta u l-ammont ta’ kaxxex li jaslu Malta, il-container in kwistjoni qed jigi mizmum Malta u inibit milli jitlaq mill-Freeport u dana fuq suspett ta’ xi operazzjoni illegali. Gie pruvat li l-ammont mitlub mill-atturi ghas-servizzi resi huwa dovut u mhux kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa’ t-talba ghall kundanna tal-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf tmien mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm28,828.80) rapprezentanti l-ammont dovut ghal

servizzi rezi ta' "freight forwarding" u ghall-hazna tal-"container" fil-mahzen tas-socjeta` attrici mill-25 ta' Lulju, 2001 sat-28 ta' Frar, 2003;
tordna lis-socjeta` attrici tibghat lura l-"container" fi zmien xahar millum u fin-nuqqas, taghti lis-socjeta` attrici s-setgha li tiddisponi mill-"container" biex minnu tirikkava parti mill-ammont dovut lilha.
Spejjez ghas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------